*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43

Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZAT:
Thomas Debattista – Kunsillier

ASSENTI:
Ismael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **43.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 43.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-17.45pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| 43.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li s-Sur Thomas Debattista talab li jkun skuzat ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kellux kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| **43.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 43.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 42, flimkien mal-minuti tal-laqgha annwali generali kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 43.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta nnumerata 42, flimkien mal-minuti tal-laqgha annwali generali u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **43.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 43.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsillera li se jinxtara bukkett fjuri sabiex jigi prezentat lill-Madonna waqt il-festa ta` Marija Annunzjata u se jsir l-istess meta tinzamm il-festa tal-Madonna tad-Duttrina. |
| 43.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li f `April inzammet l-attivita b`tifkira ghall-vittmi tal-gwerra li kienet success. |
| 43.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ghandhom invit ta` stendina mill-Arcipriet sabiex jattendu ghac-cerimonja nhar il-Ħadd tal-festa. Is-Sindku spjega li hu ghandu stedina mill-Arcpriet ghall-Ħamis tal-Gimgha tal-festa u ma kienx cert jistghax imur ghaldastant kienet se tattendi il-Vici Sindku. Is-Sindku qal li issa rranga biex jattendi u nforma lill-Vici Sindku li kellem lill-Arcipriet u hi tista` tattendi wkoll. |
| 43.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera nhar l-24 ta Mejju l-bandisti li se jdoqqu fil-festa se jinaghtaw x` jixorbu mill-Kunsill u l-kumitat jigi mistieden il-Kunsill. Is-Sindku qal li se jsir l-istess lejliet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina. |
| 43.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera se tinkera sistema ta` *sound* sabiex nhar il-Ħadd tal-festa titkanta l-Ave Maria minn quddiem il-Kunsill. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 43.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li sar kuntratt gdid tal-manutenzjoni tal-gonna li huwa validu ghall-sena. Is-Sindku spjega li l-qtugh tas-sigar li sar ricentament ghamluh *Infrastructure* Malta u l-Kunsill kull ma hallas kien il- *high-up*. |
| 43.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma` Infrastruttura Malta fejn saret talba sabiex isiru Triq Sant`Anna, Triq il-Blata u Triq San Bert. Is-Sindku spejga li din it-talba giet milqugha u dawn it-Toroq se jsiru. |
| 43.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Triq Sqajjaq tlestiet u ntghogbot u spjega li l-problema li kellu resident minhabba l-katusa saret minn kuntrattur privat bla hlas. |
| 43.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jinkera van fil-granet tal-festa ghall-meta jkunu maghluqa t-toroq. Is-Sindku qal li dan il-van se jkun qed iwassal ir-residenti minn Ħal Tarxien ghar-Rahal Gdid. |
| 43.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-qalb strutturali tal-injam li kellha issir fi Gnien Joanne minflok se ssir tal-*fibre* sabiex tkun aktra bsahhita. |
| **43.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 43.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **43.5** | **Rapporti** |
| 43.5.1 | Is-Sindku prezenta il-*Financial Quarterly Report* ghax-xhur Jannar sa Marzu 2022, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u spjega li l-qaghda finanzjarja hija tajba. |
| 43.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li sar l-ewwel *draft* tal-*flyers* tal-van tal-elettriku sabiex jiqassmu fid-djar tan-nies bhala promozzjoni. Is-Sindku prezenta l-*flyer* u filwaqt li rringrazzja lill-Kunsillier is-Sur Neil Portelli tas-sehem li ta` fid-disinn tal-*flyer* talab l-opinjoni tal-Kunsillera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-*flyer* gie approvat. |
| 43.5.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li s-Segretarju Ezekuttiv applika ghall-korsijiet tal-*lifelong learning* li huma c-combini, ganutell, ganc u snajja kreattiva bis-suf ghax kien hemm talba mir-residenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 43.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li la l-elezzjoni generali ghaddiet tista` tohrog is-sejha ghall-vakanza ta` skrivan. Is-Sindku ppropona li l-vakanza tohrog ghall-skala 13 u talab l-opinjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 43.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li giet assenjata haddiem gdida mid-*District Operations* u se tkun qed issuq il-van tal-elettriku li se jaghti servizz lir-residenti anzjani. Is-Sindku qal li temporanjament sakemm jasal il-van, il-haddiema qed taghmel xoghol iehor fir-*Reach Out Centre*. Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit staqsiet kemm se jibqghu jigu assenjati haddiema tad-*District Operations* ghax fl-ahhar tas-sena l-Kunsill irid johog il-*performance bonus* mill-allokazzjoni tieghu ghall-kull haddiem. Is-Sindku wiegeb li l-haddiema l-gdida l-Kunsill ghandu bzonna ghas-servizz tal-van u jrid jigi ngaggat persuna ohra sabiex il-van jibgha dejjem jopera f' kaz tal-*leave* u s-*sick leave*. Is-Sindku spjega li meta jkun lest il-5-*aside* grawnd wiehed mill-haddiema assenjati se jonqos minn barra sabiex jiehu hsieb grawnd ghaldaqstant informa lill-Kunsill li dan irid ikun hemm sostitut tieghu. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-ammont tal-haddiema assenjati jkun ta` tnax il-persuna u mhux aktar. |
| 43.5.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li meta jsiru t-toroq minn *Infrastructure* Malta u l-korporazzjoni tal-ilma tghid li ma hemx bzonn jinbidel id-dranagg, il-Kunsill ma jistghax jobbliga li jinbidel. Is-Sindku qal li f`kaz li l-Kunsill jinsisti l-ispejjez iridu jithalsu mill-Kunsill Lokali. |
| 43.5.7 | Il-Vici Sindku staqsiet lis-Sindku meta se jsir l-*asphalt* ta` Triq Dejma flimien mar-*road markings* li kienet talbet. Is-Sindku wiegeb li x-xoghol tal-*asphalt* se jsir ghada u r-*road markings* se jsiru fil-granet li gejjin. |
| 43.5.8 | Il-Vici Sindku prezentat l-approvazzjoni tal-*One Way* ta` Triq Wilga minn Transport Malta. Il-Vici Sindku spjeagt li din it-Triq ila biex tigi *One Way* mill-Kunsill precedinti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 43.5.9 | Il-Vici Sindku nfurmat lill-Kunsill li se tkun qed torganizza korsijiet` tal-*active aging* ghall-anzjani tal-lokalita`. Il-Vici Sindku qalet li dawn il-korsijiet se jibdew jinzammu nhar ta` Gimgha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 43.5.10 | Il-Vici Sindku nfurmat lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Ismael Dalli se tkun qed torganizza korsijiet tal-ghaqal id-dar ghall-adulti u l-anzjani fuq *healthy eating*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **43.6** | **Mozzjonijiet** |
| 43.6.1 | Ma kienx hemm. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **43.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 43.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tad-dawl ta` Gnien Joanne gie aggudikat u wara li jaghddu ghaxar tijiem u ma jkunx hemm appell ix-xoghol jistgha jibda. |
| 43.7.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-T*ender* ta` Gnien Joanne li jinkludi l-bandli u l-kurduna se jkollu jerga` jinhareg minhabba li hadd mill- *bidders* ma` rrisponda ghall-kjarifikazzjoni li tal-evalwaturi. Is-Sindku spjega li wara li jaghddu ghaxar tijiem u ma jkunx hemm appell it-*Tender* jerga` jinhareg. |
| **43.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 43.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 35/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' April/ Mejju 2022 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali |
| 43.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Christian Pace ssekondatat mis- Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **43.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 43.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-19.25p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 14 ta' Gunju 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 12 ta' Mejju 2022.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv